**Kunsill Lokali – Marsaxlokk – Local Council**

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali MARSAXLOKK**

**IT-TMIEN LEĠISLATURA**

**Laqgħa Numru 37**

**Il-Hamis 24 ta' Frar 2022**

Il-Kunsilli Lokali ta' Marsaxlokk iltaqa' fil Binja tal Kunsill , li tinsab fl-indirizz 2, Triq Vittorio Cassar, Marsaxlokk - fl-4:30 ta' wara nofs in-nhar.

**Preżenti:**

| | | |
|---|---|---|
| Steven Grech | – | Sindku |
| Elenia Desira | _ | Viċi-Sindku |
| Stephen Caruana | _ | Kunsillier |

**Assenti:**

| | | |
|---|---|---|
| Janice Chetcuti | – | Kunsillier |
| Daniel Zerafa | – | Kunsillier |

**Uffiċjali Preżenti:**

| | | |
|---|---|---|
| Carmel Attard | – | Deputat Segretarju Eżekuttiv |

| | |
|---|---|
| **37.1** | **Qari ta' ittri ta' apoloġiji** |
| 37.1.1 | Itta ta' apoloġija mingħand is-Sur Daniel Zerafa fejn qal li ma setgħax jattendi minħabba raġunijiet personali.<br><br>Dr. Janice Chetcuti tinsab assenti. |
| **37.2** | **Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Minuti** |
| 37.2.1 | Is-Sur Stephen Caruana ppropona, u ssekondat is-Sinj. Elenia Desira bħala koretti, il-minuti tas-seduta preċedenti numru 36 u ġew approvati b'votazzjoni unanima fost dawk preżenti. |
| **37.3** | **Komunikazzjonijiet mis-Sindku** |
| 37.3.1 | Is-Sindku informa l-Kunsilliera preżenti li fit-28 ta' Jannar 2022, is-Sindku Steven Grech attenda għaċ-ċerimonja għall-għoti ta' finanzi mill-LESA għal-proġetti fil-Komunita. |
| 37.3.2 | Is-Sindku informa l-Kunsilliera preżenti li fl-1 ta` Frar 2022, is-Sindku Steven Grech flimkien mal-Assistent Principal Jordy Brincat kellhom laqgħa ma' żewġ rapprezentanti mir-Reġjun Nofsinhar fejn ġew diskussi diversi opportunitajiet ta' Fondi Ewropej u fondi oħrajn. |
| 37.3.3 | Is-Sindku informa l-Kunsilliera preżenti li fit-3 ta' Frar 2022 is-Sindku Steven Grech kellu laqgħa fl-Uffiċju tal-Prim Ministru. |
| 37.3.4 | Is-Sindku informa l-Kunsilliera preżenti li fil-5 ta` Frar 2022, is-Sindku Steven Grech flimkien mal-Assistent Principal Jordy Brincat kienu mistiedna mir-Reġjun Nofsinhar sabiex jiltaqgħu mal-uffiċjali maniġerjali l-ġodda tar-Reġjun Nofsinhar fil-bini tal-AKL. |
| 37.3.5 | Is-Sindku informa l-Kunsilliera preżenti li fl-14 ta` Frar 2022, is-Sindku Steven Grech kellu laqgħa mal-*Community Police* fejn saru diskussjonijiet fuq diversi issues fil-Lokal. |
| 37.3.6 | Is-Sindku informa l-Kunsilliera preżenti li fil-21 ta` Frar 2022, is-Sindku Steven Grech flimkien mal-Assistent Principal Jordy Brincat kellhom laqgħa mas- Sur Stephen Zammit mill-GHRC rigward il-proġett ta' twaħħil ta' diversi tabelli informattivi ġodda mill-GHRC fil-lokal. Dakinhar stess kellhom laqgħa mas-sidien tar-ristoranti u l-*Community Police*. |
| **37.4** | **Binja tal-Kunsill** |
| 37.4.1 | Is-Sindku Steven Grech, spjega fid-dettal dwar il-laqgħa li kellu mal Prim Ministru Robert Abela. Il-PM qallu li bħal proġett ta' Wied il-Għajn, ikun għaqli li tiġi irtirata l-applikazzjoni. Qal ukoll li l-Prim Ministru offra l-għajnuna tiegħu sabiex jinstab post alternattiv, però s'issa ma kienx hemm postijiet oħra msemmija. |

| | |
|---|---|
| | Is-Sinj. Elenia Desira, esprimiet l-opinjoni tagħha fejn fakkret li hi ma kienetx taqbel mil-bidu nett ma' din il-proposta, u allura l-propsta li din tiġi irtirat l-applikazzjoni aċċetatata u qablet. Żiedet ukoll li jinħtieġ li jinstab post alternattiv kemm jista jkun malajr. |
| **37.5** | **<u>Stqarrija għall-istampa</u>**<br><br>Wara li saret laqgħa bejn il-Prim Ministru u is-Sindku ta' Marsaxlokk, fuq talba tal-Prim Ministru ġie maqbul li, l-applikazzjoni tal-binja tal kunsill fiż-żona tal-iskola Primarja fi Triq l-Arzinell tiġi irtirata. Dan sabiex tinżamm mal-linja tal-viżjoni ġdida ta ħdura fiċ-Ċentri Urbani, Għaldaqstant il-Kunsill ser ikun qed jaħdem sabiex jinstab post alternattiv, bl-għajnuna tal-Prim Ministru. |
| 37.5.1 | Vot fuq stqarrija fuq irtirar tal-applikazzjoni tal-Binja tal-Kunsill hekk kif proposta.<br><br>Taqbel jew ma Taqbilx<br><br>**Isem** / **Taqbel** / **Ma Taqbilx**<br>Steven Grech / Jaqbel /<br>Elenia Desira / Taqbel /<br>Stephen Caruana / Taqbel /<br>Daniel Zerafa / Assenti b'apologija /<br>Janice Chetcuti / Assenti /<br><br>Dan il vot ġie approvat bi 3 favur u 2 assenti. Din se tiġi ppublikata wara l-laqgħa tal-Kunsill. |
| **37.6** | **Marsaxlokk Heritage email** |
| 37.6.1 | Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv Carmel Attard, qara e-mail lil dawk preżenti fejn dawn saqsew kif bħal maż-żewġ proġetti ta' Wied il-Għajn ġew irirati għaliex dan ma sarx ukoll min-naħa tal-Kunsill ta' Marsaxlokk dwar il-Bini tċc-Ċentru Ċiviku u id-Dar ta l-Anzjani.<br><br>Rigward iċ-Ċentru Ċiviku il-Kunsill kellu diġa laqgħa mal-Prim Ministru u għalekk illum ittieħdet id-deċiżjoni.<br><br>Rigward id-deċiżjoni tal-proġett tal-Football Ground, is-Sindku semma ukoll li meta marru tal-ERA saqsijhom rigward is-siġar u semma meta kient waqgħet is siġra. Qal ukoll li fuq il post kien hemm resident li saqsa x'jiġri f'każ li taqa siġra fuq il bini fejn ġie rispost li jintervjenu tal-Protezzjoni Ċivili u jqattgħu is-siġra. Għal dan is-Sindku Steven Grech qal li allura dakinhar li waqgħet is-siġra m'għamel xejn ħażin għax kien ħa l-istess deċizjoni. L-ERA qallu li dan isir bil permess tagħhom. Fuq dan is-Sindku żied jgħid li jixtieq li din id-deċiżjoni tiġi diskussa meta jkunu preżenti il-membri tal-Kunsill kollha. |

| | |
|---|---|
| | Is-Sinj. Elenia Desira stqarret li hi kienet tinsab ftit xettika s'issa dwar dan il-proġett u allura hija kontra. Però talbet li ssir laqgħa pubblika. Hi żiedet li din ilha tintalab min April tal-2020.<br>Is-Sur Stephen Caruana qal li qabel ma ssir Laqgħa Pubblika ma kienx ser jivvota la Iva u lanqas Le.<br><br>Dwar dan sar qbil li tiġi diskussa fil-laqgħa li jmiss. |
| **37.7** | **Mistoqsijiet mill-Kunsilliera** |
| 37.7.1 | Is-Sinj. Elenia Desira staqsiet fuq xi cameras fejn is-Sindku Steven Grech qal li dik tal-privat. Saqsiet ukoll dwar xi ħofor fejn is-Sindku Steven Grech qal li kienu saru illum. Żied ukoll jinforma dwar il-problema tal-ilma li ssemmiet fil-laqgħa preċedenti, fejn qal li intlaħaq ftheim mal inkwilini u l-Avukat u sar pipe għas-spejjeż tagħhom sabiex dan l-ilma jiġi devjat ġewwa ġiebja. |
| 37.7.2 | Is-Sur Stephen Caruana saqsa dwar San Girgor jekk hux ser issir. Is-Sindku qal li iva ser isir fuq l-istess applikazzjonijiet li kienu bdew isiru sentejn ilu li ma kienx sar. Iridu jiġu ikkuntatjati l-applikanti. |
| 37.7.3 | Is-Sinjorina Elenia Desira staqsiet dwar Jum Marsaxlokk jekk hux ser isir f'Settembru fejn is-Sindku wieġeb iva. |
| **37.8** | **Financial Statement** |
| 37.8.1 | Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv Carmel Attard, għadda kopja ta' dan il-Financial Statement fejn spjega li jkun tajjeb li jinqara u fil-laqgħa li jmiss jekk ikum hemm xi domandi jiġu risposti.<br><br>Dan ġie approvat |
| **37.9** | **Quarterly Report Sep-Dec 2021** |
| 37.6.1 | Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv Carmel Attard, għamel spjegazzjoni tad-dħul u l-ħruġ tal-Kunsill fejn qal li l-Kunsill għalaq is-sena tajjeb ħafna kważi 6x iktar min dak li tippermetti il-liġi, hu spjega li FSI tal kunsill hu 59%.<br><br>Dan ġie approvat unnanament. |
| **37.10** | **Ingaġġ ta' persuna fi Skala16 full time.** |
| 37.10.1 | Is-Sindku Steven Grech u d-Deputat Segretarju Eżekuttiv Carmel Attard, spjegaw kif il-Kunsill ser jitlob lid-Dipartiment sabiex ikunu jistgħu jingaġaw persuna li tieħu l-irwol ta |

| | |
|---|---|
| | Ġardinar. Dan għaliex il-kuntarattur eżiżtenti apparti li dalwaqt tiskadi t-tender tiegħu, qed jinħarġu xi *default notices* peress li mhux qed jgħamel ix-xogħol kif mitlub. |
| 37.10.2 | Is-Sindku Steven Grech żied ukoll kif mhux kuntent kif qed jinżammu il-Latrini Pubbliċi għall-flus li hemm dovuti. Ma jistax ikun jibqaw dehlin l-ilment ta' kuljum speċjalment nhar ta' Ħadd. Ippropona li tiġi tranġata dik tan-naħa tal-Magħluq u tiġi bil flus. Elenia qalet ukoll li issa ġejjin ix-xhur tas-sajf u li l-probbiltà li jiżdiedu it turisti u qablet mas-Sindku. |
| **37.11** | **Planning Authority** |
| 37.11.1 | Fl-assenza tas-Sur Daniel Zerafa, is-Sindku Steven Grech u is-Sur Stephen Caruana, tkelmu dwar l-area tal-Barranija fejn qal li ser issir Turbina fuqa.<br><br>Sar qbil li jiċċekjaw fuqha u li tiġi diskussa fil-laqgħa li jmiss |
| **37.12** | **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda tal-Pagamenti** |
| 36.12.1 | Skeda pagament propona Is-Sur Stephen Caruana u ssekondat s-Sinjorina Elenia Desira. |
| **36.13** | **Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.** |
| 36.13.1 | Is-Seduta tal-Kunsill Lokali ntemmet fil-17:10, wara li ġiet eżawrita l-Aġenda, u ġiet aġġornata għal nhar il-Hamis 17 ta' Marzu 2022, fl-16:30. |

Konfermati, illum 17 ta' Marzu 2022

IFFIRMATA

**Steven Grech**
*Sindku*

IFFIRMATA

**Carmel Attard**
*Deputat Segretarju Eżekuttiv*